SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

21 ta' Ġunju 2012*

"Artikolu 49 TFUE — Libertà ta' stabbiliment — Saħħa pubblika — Spiżeriji — Skema nazzjonali ta' liċenzji għall-operat ta' spiżeriji — Stabbiliment ta' fergħat — Kundizzjonijiet differenti skont jekk jirrigwardawx spiżeriji privati jew l-ispiżerija tal-Università ta' Ħelsinki — Spiżerija tal-Università ta' Ħelsinki li għandha responsabbiltajiet partikolari marbutin mat-tagħlim tal-farmaċija u mal-provvista ta' prodotti mediċinali"

Fil-Kawża C-84/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Frar 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Frar 2011, fil-proċeduri mibdija minn

Marja-Liisa Susisalo,

Olli Tuomaala,

Merja Ritala,

fil-preżenza ta':

Helsingin yliopiston apteekki,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, J. Malenovský, R. Silva de Lapuerta, G. Arestis u T. von Danwitz (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-15 ta' Frar 2012,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal M.-L. Susisalo, O. Tuomaala u M. Ritala, minn A. Kuusniemi-Laine, J. Väyrynen u A. Laine, asianajajat,

— għall-Helsingin yliopiston apteekki, minn K. Joenpolvi, asianajaja, u T. Kauti, lakimies,

— għall-Gvern Finlandiż, minn H. Leppo u J. Heliskoski, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż.

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes u P. A. Antunes, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn E. Paasivirta u I. V. Rogalski, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 49 TFUE u 106(2) TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn M.-L. Susisalo, O. Tuomaala u M. Ritala u l-Lääkealan turvallisuus- ja kehittämiskeskus (Ċentru ta' żvilupp u ta' sigurtà tal-qasam farmaċewtiku, iktar 'il quddiem il-"FIMEA") u l-Helsingin yliopiston apteekki (l-ispiżerija tal-Università ta' Ħelsinki, iktar 'il quddiem "SUĦ") dwar talba minn din tal-aħħar li tittrasferixxi waħda mill-fergħat tagħha fid-distrett ta' Tammisto tal-belt ta' Vantaa u fil-kuntest ta' kawża bejn M.-L. Susisalo u l-FIMEA dwar applikazzjoni ta' M.-L. Susisalo għal liċenzja sabiex tiftaħ fergħa fl-istess distrett.

Il-kuntest ġuridiku

3 Skont l-Artikolu 38 tal-Liġi Finlandiża fuq il-prodotti mediċinali (lääkelaki), fil-verżjoni tagħha kif applikabbli għall-kawżi prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi fuq il-prodotti mediċinali"), il-prodotti mediċinali jistgħu biss jinbiegħu lill-pubbliku fl-ispiżeriji, fil-fergħat tal-ispiżeriji jew fil-"kabinetti mediċinali" fis-sens tal-Artikoli 41 u 42 ta' din il-liġi. L-ispiżeriji għandhom, skont l-Artikolu 39 tal-imsemmija liġi, ikunu stabbiliti fit-territorju sabiex il-popolazzjoni jkollha aċċess għall-prodotti mediċinali mingħajr diffikultajiet.

4 Skont l-Artikolu 40 tal-Liġi fuq il-prodotti mediċinali, spiżerija tista' titħaddem fuq il-bażi ta' liċenzja li tinħareġ għal muniċipalità jew parti minnha mill-Lääkelaitos (l-Aġenzija tal-prodotti mediċinali).

5 Skont l-Artikolu 41(1) tal-Liġi fuq il-prodotti mediċinali, id-deċiżjoni għall-operat ta' spiżerija ġdida fil-muniċipalità jew parti minnha tittieħed mil-Lääkelaitos, meta l-aċċess għall-prodotti mediċinali jeżiġih, filwaqt li din il-kundizzjoni għandha tiġi evalwata abbażi tan-numru ta' residenti fiż-żona, tas-servizzi farmaċewtiċi fil-post u l-preżenza ta' servizzi oħra ta' kura u ta' saħħa. Id-deċiżjoni tittieħed fuq l-inizjattiva tal-Lääkelaitos jew tal-muniċipalità. Il-Lääkelaitos jista' wkoll jordna l-bidla taż-żona moqdija mill-ispiżerija u t-trasferiment ta' din għal parti oħra tal-muniċipalità, jekk l-aċċess għas-servizzi farmaċewtiċi jeżiġih.

6 Skont l-Artikolu 42(1) tal-Liġi fuq il-prodotti mediċinali, l-Università ta' Ħelsinki hija intitolata li jkollha spiżerija fil-belt ta' Ħelsinki u l-Università ta' Kuopio hija intitolata għal spiżerija fil-belt ta' Kuopio. Barra mill-bejgħ ta' prodotti mediċinali, l-ispiżeriji għandhom il-kompitu li jservu bħala siti ta' taħriġ għall-istudenti tal-farmaċija u jagħmlu r-riċerka fil-qasam tal-provvista tal-prodotti mediċinali. Skont l-abbozz ta' liġi li wassal għall-adozzjoni tal-Liġi fuq il-prodotti mediċinali, is-SUĦ għandha tieħu ħsieb, barra mid-distribuzzjoni tal-prodotti mediċinali, it-tagħlim u r-riċerka kif ukoll servizzi speċifiċi relatati mal-ħolqien ta' ċerti preparazzjonijiet farmaċewtiċi rari.

7 Skont l-Artikolu 43(1) tal-Liġi fuq il-prodotti mediċinali, il-liċenzja għall-operat ta' spiżerija tista' tingħata lil ċittadin ta' Stat taż-Żona Ekonomika Ewropea, jekk ikollu l-kwalifika ta' spiżjar irreġistrat ("proviisori") u jekk dan ma jkunx ġie ddikjarat insolventi jew li ma għandux il-kapaċità jew ma jkunx

tqiegħed taħt l-awtorità ta' kuratur. Skont it-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu, meta jkun hemm diversi applikanti, il-liċenzja tingħata lil dak li b'mod ġenerali jissodisfa bl-aħjar mod il-kundizzjonijiet għall-operat tal-ispiżerija.

8 L-operat ta' fergħat ta' spiżeriji huwa rregolat mill-Artikolu 52 tal-Liġi fuq il-prodotti mediċinali, bl-ewwel paragrafu jipprovdi li tali fergħa tista' tinfetaħ f'żona li, minħabba n-numru baxx ta' abitanti, tista' titqies bħala li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-operat ta' spiżerija indipendenti, iżda fejn l-aċċess għall-prodotti mediċinali jeħtieġ il-preżenza ta' spiżerija. Fergħa ta' spiżerija tista' tiġi stabbilita bl-inizjattiva tal-Lääkelaitos jew tal-muniċipalità. Il-Lääkelaitos joħroġ il-liċenzja, fuq applikazzjoni, lill-ispiżjar li jissodisfa bl-aħjar mod ir-rekwiżiti għall-operat ta' tali fergħa, b'kunsiderazzjoni tas-sit tal-ispiżerija u l-kundizzjonijiet l-oħra tat-tħaddim. Il-Lääkelaitos jista' jawtorizza lil spiżjar jopera sa tliet fergħat.

9 Skont l-Artikolu 52(3) tal-Liġi fuq il-prodotti mediċinali, l-Università ta' Ħelsinki tista' topera sa sittax-il fergħa, li kull waħda minnhom għandu jkollha liċenzja maħruġa mil-Lääkelaitos.

10 Il-Lääkelaitos ġie ssostitwit mill-FIMEA mill-1 ta' Novembru 2009.

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

11 Id-domandi preliminari saru minħabba li hemm żewġ proċeduri li jikkonċernaw applikazzjonijiet għall-ftuħ ta' fergħat ta' spiżeriji.

12 L-ewwel tirrigwarda applikazzjoni mis-SUĦ, għat-trasferiment ta' waħda mis-sittax-il fergħa tagħha fid-distrett ta' Tammisto tal-belt ta' Vantaa. Permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2008, il-Lääkelaitos laqa' din l-applikazzjoni. L-ispiżjara M.-L. Susisalo, O. Tuomaala u M. Ritala, ressqu rikors għal annullament kontra din id-deċiżjoni li ġiet miċħuda mill-Helsingin hallinto-oikeus. Dawn l-ispiżjara appellaw quddiem il-qorti tar-rinviju.

13 It-tieni tikkonċerna applikazzjoni minn M.-L. Susisalo dwar il-ftuħ ta' fergħa ta' spiżerija wkoll fid-distrett ta' Tammisto tal-belt ta' Vantaa, li ġiet miċħuda mil-Lääkelaitos b'deċiżjoni tat-23 ta' Ġunju 2008. Billi r-rikors għall-annullament kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud mill-Helsingin hallinto-oikeus, M.-L. Susisalo appellat quddiem il-qorti tar-rinviju.

14 Peress li s-soluzzjoni tal-kawżi li tressqu quddiemha teħtieġ l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Korkein hallinto-oikeus iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 49 TFUE, dwar il-libertà ta' stabbiliment taħt id-dritt tal-Unjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Finlandiża fuq il-prodotti mediċinali ('lääkelaki') dwar l-iskema ta' liċenzji sabiex jiġu operati l-ispiżeriji, minħabba l-fatt li l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tal-fergħat [tas-SUĦ] huma differenti minn dawk applikabbli għall-ispiżeriji privati skont kif ġej:

a) Permezz ta' liċenzja maħruġa [mill-"FIMEA"], skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 52 tal-Liġi Finlandiża fuq il-prodotti mediċinali, fergħa ta' spiżerija privata tista' tiġi stabbilita f'żona li, minħabba n-numru żgħir ta' abitanti, ma tissodisfax il-kundizzjonijiet minimi sabiex topera spiżerija indipendenti, iżda fejn l-aċċess għall-prodotti mediċinali jirrikjedi l-preżenza ta' spiżerija; spiżjar privat jista' jopera sa tliet fergħat, abbażi ta' liċenzja għal kull waħda minnhom. Min-naħa l-oħra fergħa [tas-SUĦ] tista' tiġi stabbilita abbażi ta' liċenzja maħruġa, għal kull fergħa separatament, mill-FIMEA skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 52 tal-Liġi Finlandiża fuq

il-prodotti mediċinali, mingħajr ma l-liġi jew dispożizzjonijiet nazzjonali [jirregolaw] l-evalwazzjoni li għandha ssir fl-okkażjoni tal-ħruġ ta' din il-liċenzja b'restrizzjonijiet oħra minbarra l-fatt li [s-SUĦ] ma jistax ikollha iktar minn sittax-il fergħa.

b) Sabiex jiġi ddeterminat il-post ta' stabbiliment ta' fergħa ta' spiżerija privata, il-FIMEA għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-post ta' stabbiliment tal-ispiżerija. Ma hemmx regola analoga għall-post ta' stabbiliment ta' fergħat [tas-SUĦ], li ġew stabbiliti f'diversi partijiet [fil-Finlandja.]

2) Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra, fid-dawl tar-risposti għad-domandi preċedenti, li l-Artikolu 49 TFUE jipprekludi skema ta' liċenzji sabiex jiġu operati l-fergħat [tas-SUĦ], [il-Korkein hallinto-oikeus] tagħmel ulterjorment id-domandi preliminari li ġejjin:

a) Ir-restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment li tirriżulta mill-iskema ta' liċenzji sabiex jiġu operati l-fergħat [tas-SUĦ], tista' tiġi ġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jkunu ta' natura neċessarja u proporzjonata u li jirriżultaw mill-missjonijiet partikolari li assumiet [is-SUĦ] fil-qasam tat-tagħlim tal-farmaċewtika u ta' provvista ta' prodotti mediċinali, fid-dawl tal-fatt li ebda missjoni partikolari analoga ma hi assenjata lill-fergħat ta' din l-ispiżerija?

b) Mill-missjonijiet partikolari ċċitati iktar 'il fuq, mogħtija bil-liġi [lis-SUĦ], jirriżulta li din l-ispiżerija tista' tiġi kkunsidrata bħala impriża inkarigata mill-għoti ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fis-sens tal-Artikolu 106(2) TFUE u, jekk iva, din id-dispożizzjoni [tat-Trattat FUE] tippermetti li, fir-rigward tal-fergħat [tas-SUĦ], issir deroga mir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Artikolu 49 TFUE, fid-dawl tal-fatt li ebda missjoni partikolari korrispondenti ma ġiet assenjata lill-fergħat [tas-SUĦ]?"

Fuq il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

15 Is-SUĦ tikkontesta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula, partikolarment minħabba l-fatt li l-kawżi prinċipali ma fihomx elementi transkonfinali.

16 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li, meta jitqies it-tqassim tal-kompetenzi fil-kuntest ta' proċeduri għal deċiżjoni preliminari, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha tiddefinixxi s-suġġett tad-domandi li trid tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja, u li hija din tal-aħħar li għandha tiddeċiedi, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, li teżamina l-kundizzjonijiet li fihom hija tkun ġiet adita mill-qorti nazzjonali sabiex tivverifika l-ġurisdizzjoni tagħha stess (sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, Volker und Markus Schecke u Eifert, C-92/09 u C-93/09, Ġabra p. I-11063, punt 39).

17 Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, meta l-problema ssottomessa lill-Qorti tal-Ġustizzja tkun ta' natura purament ipotetika jew meta l-interpretazzjoni ta' regola tal-Unjoni mitluba mill-qorti nazzjonali ma tkunx reali jew ma jkollha l-ebda rabta mas-suġġett tal-kawża prinċipali. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-ġurisdizzjoni biex tirrispondi għal domanda meta jkun manifest li d-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni suġġetta għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx tista' tiġi applikata (sentenza tal-1 ta' Ottubru 2009, Woningstichting Sint Servatius, C-567/07, Ġabra p. I-9021, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta' stabbiliment ma humiex applikabbli għal sitwazzjoni li fiha l-elementi kollha huma limitati fi ħdan Stat Membru wieħed (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 1990, Nino *et* C-54/88, C-91/88 u C-14/89, Ġabra p. I-3537, punt 11, tat-30 ta' Novembru 1995, Esso Española, C-134/94, Ġabra p. I-4223, punt 17, kif ukoll tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs Franza, C-389/05, Ġabra p. I-5397, punt 49).

19 Mid-deċiżjoni tar-rinviju u mill-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-elementi kollha tal-kawżi prinċipali jinsabu fil-Finlandja. Għaldaqstant, jidher li l-eżerċizzju tad-dritt ta' stabbiliment stabbilit fl-Artikolu 49 TFUE ma huwiex involut f'dawn il-kawżi.

20 Madankollu, anki f'tali sitwazzjoni purament interna, kif inhi fil-kawża prinċipali, risposta tista' madankollu tkun utli għall-qorti tar-rinviju, b'mod partikolari fil-każ fejn id-dritt nazzjonali jimponilha, fi proċeduri bħal dawk fil-kawżi prinċipali, li tippermetti lil ċittadin Finlandiż jibbenefika mill-istess drittijiet bħal dawk li jgawdi ċittadin ta' Stat Membru ieħor skont id-dritt tal Unjoni, fl-istess sitwazzjoni (ara s-sentenzi tal-1 ta' Ġunju 2010, Blanco Pérez u Chao Gómez, C-570/07 u C-571/07, Ġabra p. I-4629 punt 39, tal-1 Lulju 2010, Sbarigia, C-393/08, Ġabra p. I-6333, punt 23 kif ukoll tat-22 ta' Diċembru 2010, Omalet, C-245/09, Ġabra p. I-13771, punt 15).

21 Madankollu, waqt is-seduta, ir-rappreżentant tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali argumenta li hemm, fil-liġi amministrattiva Finlandiża, regoli li jiżguraw li ċ-ċittadini Finlandiżi ma jkunux suġġetti għal diskriminazzjoni inversa. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidhirx b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni tista' ma tkunx utli għall-qorti tar-rinviju.

22 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni biex tagħti risposta għad-domandi preliminari.

Fuq id-domandi preliminari

23 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 49 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi skema ta' liċenzji għall-operat ta' fergħat ta' spiżeriji differenti għas-SUĦ milli għall-ispiżeriji privati.

24 Dawn id-domandi jirrigwardaw spiżjara li jikkontestaw it-trasferiment ta' fergħa tas-SUĦ, billi jsostnu l-inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni, fis-sens li din tipprovdi kundizzjonijiet iktar favorevoli għall-operat ta' fergħat tas-SUĦ minn dawk għal fergħat ta' spiżeriji privati. Ċertament, ir-restrizzjonijiet previsti mil-Liġi fuq il-prodotti mediċinali fir-rigward tal-operat ta' fergħat ta' spiżerija privata, bħala tali, huma ġġustifikati. Madanakollu, l-għan tal-Liġi fuq il-prodotti mediċinali ma teżiġix li s-SUĦ tkun tista' topera sittax-il fergħa, it-totalità tal-kompiti speċifiċi tagħha definiti fl-Artikolu 42 ta' din il-liġi jistgħu wkoll jitwettqu permezz ta' tliet fergħat.

25 Id-domandi magħmula għalhekk jirrigwardaw mhux tant il-fatt jekk l-Artikolu 49 TFUE jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-operat ta' fergħat ta' spiżeriji privati, iżda jekk din id-dispożizzjoni tipprekludix il-fatt li din il-leġiżlazzjoni tipprevedi skema ta' liċenzji għall-operat ta' fergħat ta' spiżeriji partikolari applikabbli għas-SUĦ li hija iktar favorevoli minn dik applikabbli għall-ispiżeriji privati.

Osservazzjonijiet preliminari

26 Sabiex tingħata risposta għad-domandi magħmula, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 168(7) TFUE, kif ippreċiżat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt tal-Unjoni ma jippreġudikax il-kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi ta' sigurtà soċjali tagħhom u li jadottaw, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet intiżi sabiex jiġu organizzati servizzi ta' saħħa bħal dawk tal-ispiżeriji (sentenza Blanco Pérez u Chao Gómez, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Madankollu, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-Istati Membri għandhom josservaw id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertajiet fundamentali, inkluża l-libertà ta' stabbiliment. L-imsemmija dispożizzjonijiet jinkludu l-projbizzjoni għall-Istati Membri milli jintroduċu jew milli jżommu restrizzjonijiet mhux ġustifikati għall-eżerċizzju ta' dawn

il-libertajiet fil-qasam tal-kura tas saħħa (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Mejju 2009, Apothekerkammer des Saarlandes *et*, C-171/07 u C-172/07, Ġabra p. I-4171, punt 18, tal-14 ta' Ottubru 2010, van Delft *et*, C-345/09, Ġabra p. I-9879, punt 84, kif ukoll tas-16 ta' Diċembru 2010 Il-Kummissjoni vs Franza C-89/09, Ġabra p. I-12941, punt 41).

28 Fl-evalwazzjoni tar-rispett ta' dan l-obbligu, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li s-saħħa u l-ħajja tal-persuni jokkupaw l-ewwel post fost il-beni u l-interessi protetti mit-Trattat u li huma l-Istati Membri li jiddeċiedu fuq il-livell ta' protezzjoni li huma jixtiequ jagħtu lis-saħħa pubblika u l-mod li bih dan il-livell għandu jintlaħaq. Peress li dan il-livell jista' jvarja minn Stat Membru għal ieħor, għandu jiġi rrikonoxxut lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni (sentenzi tal-19 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-531/06, Ġabra p. I-4103, punt 36, kif ukoll Blanco Pérez u Chao Gómez, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Barra dan, l-ebda dispożizzjoni oħra tad-dritt tal-Unjoni ma tistabbilixxi regoli ta' aċċess għall-attivitajiet tas-settur tal-farmaċija li huma intiżi sabiex jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li fihom l-ispiżeriji l-ġodda jistgħu jinfetħu fit-territorji tal Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Blanco Pérez u Chao Gómez, iċċitata iktar 'il fuq, punt 45).

30 Għandu għalhekk jiġi eżaminat, fuq il-bażi tal-kriterji msemmijin iktar 'il fuq, jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tikkostitwixxix restrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE, inkwantu tipprevedi, għall-operat ta' fergħat ta' spiżeriji, regoli iktar favorevoli għas-SUĦ milli għall-ispiżeriji privati.

Fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment

31 L-Artikolu 49 TFUE jimponi t-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment. Skont il-kliem tagħhom, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat relatati mal-libertà ta' stabbiliment huma intiżi li jiżguraw il-benefiċċju tat-trattament nazzjonali fl-Istat Membru ospitanti. Barra dan, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 49 TFUE jipprekludi kull miżura nazzjonali li, anki jekk tapplika mingħajr distinzjoni minħabba n-nazzjonalità, tista' tostakola jew tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju, miċ-ċittadini tal-Unjoni, tal-libertà ta' stabbiliment iggarantita mit-Trattat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Novembru 2011, National Grid Indus, C-371/10, Ġabra p. I-12273, punti 35 u 36).

32 Fir-rigward tal-kwistjoni jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tammontax għal diskriminazzjoni, għandu jiġi rrilevat li din il-leġiżlazzjoni tikkonċerna liċ-ċittadini kollha bl-istess mod, Finlandiżi jew ta' Stat Membru ieħor, li jixtiequ jistabbilixxu fergħa fit-territorju Finlandiż, bħala spiżjara privati. Għalhekk ma hijiex diskriminatorja, fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE.

33 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, skont l-imsemmija leġiżlazzjoni, l-ispiżeriji privati jistgħu jiftħu, fit-territorju nazzjonali, tliet fergħat biss, fejn il-liċenzja biex joperaw hija, barra minn hekk, suġġetta għall-eżistenza, fiż-żona ġeografika kkonċernata, ta' numru żgħir ta' abitanti li ma jiġġustifikax l-eżistenza ta' spiżerija indipendenti, iżda li jindika domanda għal prodotti mediċinali li teħtieġ il-preżenza ta' fergħa ta' spiżerija, filwaqt li s-SUĦ għandha, min-naħa tagħha, id-dritt li jkollha sittax-il fergħa, irrispettivament min-numru ta' abitanti fiż-żona kkonċernata.

34 Għandu jiġi kkonstatat li t-trattament preferenzjali mogħti lis-SUĦ, f'termini ta' numru ta' fergħat permessi u l-kundizzjonijiet tal-liċenzja għall-operat ta' dawn il-fergħat, jista' jċaħħad spiżjar privat mid-dritt li jistabilixxi fergħa f'waħda mis-sittax-il żona ġeografika li fihom is-SUĦ stabbiliet fergħa, ħaġa li x'aktarx tagħmilha inqas attraenti għal spiżjara privati ta' Stati Membri oħra li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fit-territorju Finlandiż permezz ta' stabbiliment permanenti. Il-fatt li dan it-trattament preferenzjali għandu effett restrittiv kemm fir-rigward ta' ċittadini nazzjonali kif ukoll

fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra, ma jistax jeskludi din l-iskema mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE (ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-353/89, Ġabra p. I-4069, punti 24 u 25).

35 Konsegwentement, leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment skont l-Artikolu 49 TFUE.

Fuq il-ġustifikazzjoni tar-restrizzjoni tal-libertà ta' stabbiliment

36 Skont ġurisprudenza stabbilita, ir-restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment, li huma applikabbli mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, jistgħu jiġu ġġustifikati minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, bil-kundizzjoni li jkunu xierqa sabiex jiggarantixxu t-twettiq tal-għan mixtieq u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan (sentenza Blanco Pérez u Chao Gómez, iċċitata iktar 'il fuq, punt 61).

37 Kif jirriżulta wkoll mill-Artikolu 52(1) TFUE, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika tista' tiġġustifika restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment. B'mod iktar preċiż, tali restrizzjonijiet jistgħu jiġu ġġustifikati mill-għan li tiġi żgurata provvista adegwata u ta' kwalità ta' prodotti mediċinali għall-popolazzjoni. L-importanza tal-imsemmi għan hija kkonfermata mill-Artikoli 168(1) TFUE u 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdu b'mod partikolari li l-livell ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem għandu jiġi żgurat fid-definizzjoni u l-implementazzjoni tal-politika u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni Ewropea (ara, s-sentenza Blanco Pérez u Chao Gómez, iċċitata iktar 'il fuq, punt 63 sa 65).

38 F'dan il-każ, huwa stabbilit li s-SUĦ tbiegħ, bħall-ispiżeriji privati kollha, prodotti mediċinali lill-pubbliku. Madankollu, il-qorti tar-rinviju, il-Gvern Finlandiż kif ukoll is-SUĦ sostnew li s-SUĦ kienet, skont il-Liġi fuq il-prodotti mediċinali, obbligata li twettaq kompiti speċifiċi relatati mat-tagħlim mogħti lill-istudenti tal-farmaċija u mar-riċerka fil-qasam tal-provvista tal-prodotti mediċinali kif ukoll li tipprovdi servizzi speċifiċi relatati mal-ħolqien ta' ċerti preparazzjonijiet farmaċewtiċi rari, filwaqt li tali obbligu legali ma huwiex impost fuq spiżeriji privati.

39 Il-Gvern Finlandiż sostna, f'dan ir-rigward, li s-SUĦ għandha r-rwol essenzjali minħabba l-allokazzjoni ta' kompiti speċifiċi stabbiliti mil-liġi, li tiżgura provvista ta' prodotti mediċinali żgura u ta' kwalità, li huwa l-għan tal-Liġi fuq il-prodotti mediċinali.

40 F'dan il-kuntest għandu jiġi rrilevat li l-kompetenza li għandhom l-Istati Membri, li għaliha isir riferiment fil-punti 27 sa 29 ta' din is-sentenza, biex isiru dispożizzjonijiet intiżi biex jorganizzaw is-servizzi tas-saħħa bħalma huma l-ispiżeriji, kif ukoll biex jiġi deċiż il-livell ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika u l-mod ta' kif dan il-livell għandu jinkiseb, timplika li l-Istati Membri jkunu intitolati li jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa pubblika billi jimponu kompiti speċifiċi fuq spiżerija waħda jew iktar.

41 Kif ġie osservat mill-Kummissjoni, il-kompiti tas-SUĦ fir-rigward tat-taħriġ u r-riċerka farmaċewtika u l-ħolqien ta' preparazzjonijiet maġistrali rari jaqgħu taħt il-protezzjoni tas-saħħa pubblika.

42 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, fid-dawl tal-għan mixtieq mil-Liġi fuq il-prodotti mediċinali li jiġi żgurat ċertu livell ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika permezz tal-impożizzjoni ta' obbligi legali, l-iskema preferenzjali riżervata għas-SUĦ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-operat ta' fergħat tat-territorju nazzjonali kkonċernat hija meħtieġa, sakemm, u dan hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, il-fergħat tas-SUĦ jipparteċipaw effettivament fit-twettiq tal-kompiti speċifiċi li jikkonċernaw it-tagħlim mogħti lill-istudenti tal-farmaċija, ir-riċerka fil-qasam tal-provvista tal-prodotti mediċinali kif ukoll il-ħolqien ta' preparazzjonijiet farmaċewtiċi rari li għandhom jitwettqu mis-SUĦ.

43 Il-fatt li l-ispiżeriji privati jipparteċipaw ukoll fil-prattika, kif ġie rrilevat b'mod partikolari mir-rikorrenti, fit-tagħlim mogħti lill-istudenti billi joffrulhom postijiet ta' taħriġ, ma jistax ibiddel din l-evalwazzjoni. Bil-maqlub tas-SUĦ, l-ispiżeriji privati joffru lill-istudenti post ta' taħriġ b'mod fakultattiv u huma ħielsa li jagħmlu dan skont l-interessi tagħhom stess. Barra minn hekk, it-tagħlim mogħti lill-istudenti huwa biss wieħed mill-kompiti imposti fuq is-SUĦ.

44 Għalhekk ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi għal skema ta' liċenzji għall-operat ta' fergħat ta' spiżeriji partikolari applikabbli għas-SUĦ, iktar favorevoli minn dik applikabbli għall-ispiżeriji privati, sakemm, u dan hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, il-fergħat tas-SUĦ effettivament jipparteċipaw fit-twettiq tal-kompiti speċifiċi li jikkonċernaw it-tagħlim mogħti lill-istudenti tal-farmaċija, ir-riċerka fil-qasam tal-provvista tal-prodotti mediċinali kif ukoll il-ħolqien ta' preparazzjonijiet farmaċewtiċi rari mogħtija lil din tal-aħħar mil-liġi nazzjonali.

Fuq l-ispejjeż

45 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jiġu rrimborsati.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi għal skema ta' liċenzji għall-operat ta' fergħat ta' spiżeriji partikolari applikabbli għall-Helsingin yliopiston apteekki, iktar favorevoli minn dik applikabbli għall-ispiżeriji privati, sakemm, u dan hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, il-fergħat tal-Helsingin yliopiston apteekki effettivament jipparteċipaw fit-twettiq tal-kompiti speċifiċi li jikkonċernaw it-tagħlim mogħti lill-istudenti tal-farmaċija, ir-riċerka fil-qasam tal-provvista tal-prodotti mediċinali kif ukoll il-ħolqien ta' preparazzjonijiet farmaċewtiċi rari mogħtija lil din tal-aħħar mil-liġi nazzjonali.

Firem